31977D0795

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Diċembru, 1977
li tistabbilixxi proċedura komuni għall-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu tal-wiċċ fil-Komunità

(77/795/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (2),

Billi l-programmi ta' l-azzjoni 1973 (3) u 1977 (4) tal-Komunitajiet Ewropew dwar l-ambjent jipprovdu għall-introduzzjoni ta' proċedura għall-iskambju ta' l-informazzjoni bejn is-sorveljanza tat-tniggiz u n-*networks* tal-kontroll;

Billi tali proċedura hija neċessarja sabiex tiddetermina il-livelli tat-tniġġiż fix-xmajjar fil-Komunità u għalhekk biex tistabbilixxu linji għall-kontroll tat-tniġġiż u frustrazzjonijiet, li hija waħda mill-oġġettivi tal-Komunità dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u l-iżvilupp armonjuż ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-partijiet kollha tal-Komunità; billi ma saret l-ebda disposizzjoni fit-Trattat għal poteri speċifiċi meħtieġa għal dan il-għan;

Billi tali skambju ta' informazzjoni dwar il-livelli ta' tniġġiż huwa wieħed mill-mezzi ta' kontroll tat-tendenzi fit-tul u t-titjib li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli kurrenti nazzjonali tal-Komunità;

Billi l-iskambju ta' l-informazzjoni li hemm provvediment dwaru f'din id-Deċiżjoni għandu jippermetti għal paragun sinjifikanti kemm jista' jkun tar-riżultati miksuba fl-istazzjonijiet tal-kampjuni u tal-kejl;

Billi l-iskambju ta' l-informazzjoni li hemm provvediment dwaru f'din id-Deċiżjoni għandu jħejji l-pedamenti għall-sistema ta' kontroll tat-tniġġiż fl-ilma ħelu tal-wiċċ f'livell tal-Komunità u jista' jikkostitwixxi komponent għal sistema ta' kontroll globali ta' l-ambjent li hemm provvediment dwaru fil-programm ta' l-ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti;

Billi sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi l-Istati Membri jridu jissottomettu lill-Kummissjoni *data* relatata ma' ċerti parametri għall-ilma ħelu tal-wiċċ; billi l-Kummissjoni trid tikkomponi rapport konsolidat li hi tittrasmetti lill-Istati Membri;

Billi l-lista ta' l-istazzjonijiet fl-Anness I tista', vantaġġjusament, tiġi modifikata mill-Kummissjoni fuq talba ta' l-Istat Membru konċernat, sakemm ċerti kriterji jintlaħqu;

Billi l-progress tekniku jitlob li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adattati fil-pront; billi, sabiex jiġu faċilitati l-implimentazzjoni tal-miżuri

(1) ĠU C 178, tat-2.8.1976, p. 48.
(2) ĠU C 285,tat-2.12.1976, p. 10.
(3) ĠU Ċ112,ta' l-20.12.1973,p. 3.
(4) ĠU C 139, tat-13.6.1977,p.3.

meħtieġa għal dan il-għan, għandha ssir disposizzjoni għall-proċedura li tistabbilixxi l-koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat biex tiġi adattata din id-Deċiżjoni għall-progress tekniku

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Proċedura komuni għall-iskambju ta' l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu tal-wiċċ fil-Komunità hija hawnhekk stabbilita.

Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni "stazzjonijiet li jieħdu jew ikejjlu l-kampjuni" jfissru l-istazzjonijiet imniżżla fl-Anness I.

2. L-informazzjoni li tikkonċerna l-parametri mniżżla fl-ewwel kolonna ta' l-Anness II koperta bl-iskambju ta' l-informazzjoni għandha tkun:

(a) ir-riżultati tal-kejl magħmul mill-istazzjonijiet li jieħdu jew ikejjlu kampjuni;

(b) deskrizzjoni tat-teħied ta' kampjuni, priservazzjoni tal-kampjuni w metodi ta' kejl użati u l-frekwenza tat-teħied ta' kampjuni

Artikolu 3

1. Kull Istat Membru għandu jinnomina aġenzija ċentrali u jinforma l-Kummissjoni biha fi żmien 15-il ġurnata min-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-informazzjoni li għaliha hemm riferenza fl-Artikolu 2(2) għandha tiġi mgħoddija lill-Kummissjoni mill-aġenzija ċentrali f'kull Stat Membru.

3. L-informazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 2(2)(a) għandha tiġi presentata skond il-modi ta' l-espressjoni u bil-figuri sinjifikanti stabbiliti fit-tieni u t-tielet kolonni ta' l-Anness II.

4. L-informazzjoni, li tkopri sena kalendarja, għandha tiġi mgħoddija lill-Kummissjoni ta' lanqas kull 12-il xahar.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprepara kull sena rapport konsolidat ibbażat fuq l-informazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 2(2). Il-parti ta' l-abbozz ta' dan ir-rapport li tikkonċerna l-informazzjoni provduta minn Stat Membru għandha tintbagħat lill-aġenzija ċentrali ta' dak l-Istat Membru għall-verifika. Xi kummenti dwar l-abbozz għandhom jiġu nklużi fir-rapport. Il-verżjoni finali għandha tintbagħat lill-Istati Membri.

6. Il-Kummissjoni għandha tagħmel stima ta' l-effettività tal-proċedura għall-iskambju ta' l-informazzjoni u, f'mhux aktar minn żmien tliet snin min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, għandha tibgħat l-proposti, fejn xieraq, lill-Kunsill bil-għan li tiġi mtejjba l-proċedura u, jekk neċessarju, jiġu armonizzati il-metodi tal-kejl.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li għaliha hemm riferenza fl-Artikolu 2(2) mill-aġenziji ċentrali tagħhom għall-ewwel darba fi' żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-ewwel informazzjoni li trid tiġi skambjata għandha tkun dik disponibbli fis-sena kalendarja qabel in-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Il-lista fl-Anness I tista' tiġi emendata mill-Kummissjoni fuq talba mill-Istat Membru konċernat.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tali emendi meta tkun sodisfatta li l-ħtiġiet li ġejjin jintlaħqu:

— li l-lista ta' l-istazzjonijiet tat-teħied ta' kampjuni jew kejl għal kull Istat Membru hija rappreżentattiva biżżejjed għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni,

— li l-istazzjonijiet huma f'punti li huma rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet ta' l-ilma fiż-żona madwar u mhux direttament u immedjatament influwenzati minn sors tat-tniġġiż,

— li huma kapaċi jkejjlu f'intervalli regolari l-parametri ta' l-Anness II,

— li huma bħala regola ġenerali mhux aktar minn 100 kilometru bogħod minn xulxin fuq xmajjar prinċipali, mhux inklużi l-friegħi,

— li l-kurrent tagħhom jieħu 'l fuq minn kull konfluwenza u mhux fuq meddiet tal-kurrent ta' ilma.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill b'xi emendi li tkun aċċettat.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat għad-deċiżjoni mill-Kunsill xi talbiet għall-emendi li ma setgħetx taċċetta.

Artikolu 6

L-emendi neċessarji biex tiġi adattata l-lista tal-parametri w l-modi ta' l-espressjoni u l-figuri sinjifikattivi li jikkonċernawhom stabbiliti fl-Anness II għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8, sakemm kull żidiet mal-lista jinvolvu biss parametri koperti mil-liġi tal-Komunità u li għalihom l-informazzjoni hija disponibbli fl-istazzjonijiet kollha tat-teħied ta' kampjuni u kejl ta' l-Istati Membri. Kull tibdil fil-modi ta' l-espressjoni w figuri sinjifikattivi ma jistgħux jinvolvu tibdil fil-metodi ta' kejl użati mill-Istati Membri fil-varji stazzjonijiet fl-Anness I.

Artikolu 7

1. Il-Kumitat biex tiġi adattata din id-Deċiżjoni għall-progress tekniku (hawnhekk iżjed 'l quddiem magħruf bħala "il-Kumitat") huwa hawnhekk stabbilit u jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu stess tal-proċedura.

Artikolu 8

1. Fejn il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu trid tiġi segwita, l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kumitat mill-president tagħha, jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' rappreżentant ta' l-Istat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'limitu ta' żmien stabbilit mill-president skond l-urġenza tal-każ. L-opinjonijiet għandhom jiġu mogħtija b'maġġoranza ta' 41 vot, il-voti ta' l-Istati Membri jiġu mkejjla kif stabbilit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-chairman m'għandux jivvota.

3. (a) Fejn il-miżuri kkontemplati huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tadottahom.

(b) Fejn il-miżuri kkontemplati ma humiex konformi mal-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk l-ebda opinjoni ma tiġi mibgħuta, l-Kummissjoni għandha tissottometti mingħajr dewmien proposta lill-Kunsill dwar il-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk fi żmien tliet xhur minn meta l-proposta tiġi sottomessa lilu l-Kunsill ma jkunx aġixxa, l-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċizzjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 27 ta' Novembru, 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

L. DHOORE

ANNESS I

LISTA TA' STAZZJONIJIET TAT-TEĦIED TA' KAMPJUNI JEW KEJL INVOLUT FL-ISKAMBJU TA' L-INFORMAZZJONI

REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA

Stazzjonijiet ta tehied ta'kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Maxau	362.3 -il km l-isfel max-xmara mill-pont tar-Rhine f'Constance	Rhine
Mainz	498.5 -il km l-isfel max-xmara mill-pont tar-Rhine f'Constance	Rhine
Koblenz/Braubach	590.3-il km l-isfel max-xmara mill-pont tar-Rhine f'Constance	Rhine
Palzem	230.3 -il km 'l fuq max-xmara tal-konfluwenza mar-Rhine	Moselle
Koblenz/Moselle	2 -il km 'l fuq max-xmara tal-konfluwenza mar-Rhine	Moselle
Kleve/Bimmen	864.95 -il km l-isfel max-xmara mill-pont tar-Rhine f'Constance fil-punt fejn ix-xmara tħalli r-Repubblika Federali tal-Ġermanja	Rhine
Goch	21.4 -il km 'l fuq max-xmara tal-konfluwenza mal-Meuse	Niers
Herbrüm	284.9 -il km mis-sors (212.04 km Kanal)	Ems
Hemeln	11-il km l-isfel max-xmara mill- konfluwenza tal-Werra u l-Fulda	Weser
Intschede	329.7-il km l-isfel max-xmara mill- konfluwenza tal-Werra u l-Fulda	Weser
Geesthacht	113-il km l-isfel mid-dħul tax-xmara fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (584.5 km Elbe)	Elbe
Jochenstein	2 203 -il km 'l fuq max-xmara mill-bokka tad-Danubju	Danubju

BELĠJU

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Warneton	l-isfel max-xmara mill-konfluwenza mad-Dèule	Lys
Leers-Nord	fil-punt fejn ix-xmara tidħol fil-Belġju	Espierre
Doel	fil-punt fejn ix-xmara toħroġ mill-Belġju	Scheldt
Bléharies	fil-punt fejn ix-xmara tidħol fil-Belġju	Scheldt
Erquelinnes	fil-punt fejn ix-xmara tidħol fil-Belġju	Sambre
Heer-Agimont	fil-punt fejn ix-xmara tidħol fil-Belġju	Meuse
Lanaye-Ternaaien	fil-punt fejn ix-xmara toħroġ mill-Belġju	Meuse
Martelange	fil-punt fejn x-xmara toħroġ mill-Belġju	Sure
Zelzate	fil-punt fejn x-xmara toħroġ mill-Belġju	Ghent-Terneuzen Canal

DANIMARKA

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Nåby	Stazzjon Nru 57.12	Suså
Nr Broby	Stazzjon Nru 45.01	Odense Å
Tvilum bro	Stazzjon Nru 21.01	Gudenå
Ahlergård	Stazzjon Nru 25.05	Skjern Å

FRANZA

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Méry	l fuq max-xmara tal-konfluwenza ma' Aube (St 6 000)	Seine
Montereau	l fuq max-xmara tal-konfluwenza ma' Yonne (St 14 000)	Seine
Melun	(St 47 000)	Seine
Paris	Pont Tolbiac (St 81 000)	Seine
St Rambert	Pont Andrézieux l-isfel mix-xmara ta' St Rambert (St 9 000)	Loire
Roanne	Pont Villécrest 'il fuq max-xmara Roanne (St 13 000)	Loire
Orléans	l-isfel max-xmara mill-Orléans (St 51 000)	Loire
Nantes	l fuq max-xmara min-Nantes (St 137 000)	Loire
Toulouse	l-isfel max-xmara minn Toulouse (St 161 000)	Garonne
Lamagistère	l-isfel max-xmara mill-konfluwenza ma' l-Aveyron (St 117 000)	Garonne
Couthures	ħdejn Couthures, l-isfel max-xmara mill- konfluwenza ma' l-Avance (St 81 000)	Garonne
Auxonne	Pont ta' Franza (St 11 000)	Saone
Mulatière	l fuq max-xmara mill-konfluwenza mar-Rhone (St 59 000)	Saone
Pont Carnot	l-isfel mal-Lag Ġeneva u 'l fuq l-ilqugħ li jżomm l-ilma Génissiat (St 67 000)	Rhone
Lyon	l fuq max-xmara mill-konfluwenza mas-Saone mal-Pont Poincaré (St 98 000)	Rhone
St Vallier	il fuq max-xmara mill-konfluwenza ma' l-Isère (St 104 000)	Rhone

IRLANDA

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Pont Slane	Bejn wieħed u ieħor 12 -il km l-isfel max-xmara min-Navan (N 96 74)	Boyne
Pont Corofin	Bejn wieħed u ieħor 19 -il km l-isfel max-xmara mit-Tuam (M 42 43)	Clare
Pont Graiguenamanagh	Bejn wieħed u ieħor 29 -il km l-isfel max-xmara Muine Bheag (Bagenalstown) (S71 44)	Barrow
Pont Killavullen	Bejn wieħed u ieħor 13 -il km l-isfel max-xmara ta' Mallow (W 65 99)	Blackwater (Munster)

ITALJA

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Ponte d'Adige	308 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Adige
Trento	253 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Adige
Badio Polesine	66 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Adige
Meirano	591 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Po
Cremona	281 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Po
Boretto	216 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Po
Borgo Forte	184 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Po
Pontelagoscuro	91 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Po
Ponte degli Albergi	38 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Metauro
Subbiano	178 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Arno
Nave di Rosano	120 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Arno
Capraia	70 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Arno
San Giovanni alla Vena	37 –il km 'l-fuq max-xmara fil-bokka	Arno
Ponte Felcino	300 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Tiber
Ponte Nuovo	273 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Tiber
Roma	43 –il km 'l fuq max-xmara fil-bokka	Tiber

GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Wasserbillig	'l fuq max-xmara mill-konfluwenza mal-Moselle	Sûre

L-OLANDA

Stazzjonijiet tat-tehied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Lobith	Fil-punt fejn x-xmara tidħol fl-Olanda	Rhine ta' fuq
Kampen	133 -il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Ijssel
Gorinchem	93.5 -il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Merwede ta' fuq
Vreeswijk	89 -il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Lek
OM 42	Puttershoek, 120 -il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Oude Mass
NM 34	ħdejn il-gżira ta' Brienenroord, 134 -il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Nieuwe Maas

L-OLANDA

Stazzjonijiet tat-teħied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Eijsden	4-5 km l-isfel max-xmara mill-punt fejn il-Meuse tidħol fl-Olanda	Meuse
Lith	201 –il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn il-Meuse tidħol fl-Olanda	Meuse
Keizersveer	248 –il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn il-Meuse tidħol fl-Olanda	Bergse Mass
H 9	Haringvlietdam Pont Haringvliet)	Haringvliet
H 12	Ħdejn Haringvlietdam	Haringvliet
IJ 17	fil-bokka tal-Keteldiep, 143 –il km l-isfel max-xmara mill-punt fejn ir-Rhine tidħol fl-Olanda	Keyeldiep
IJ 23	Ċentru tal-Lag Ijssel	Lag Ijssel

RENJU UNIT

Stazzjonijiet tat-teħied ta' kampjuni jew kejl		Lista ta' xmajjar
Chollerford	6 km 'l fuq max-xmara mill-konfluwenza (NY 919 706)	North Tyne
Pont Warden	800 m 'l fuq max-xmara mill- konfluwenza (NY 910 660)	South Tyne
Pont Wylam	immedjatament 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (NZ 119 645)	Tyne
Derwenthaugh	1.3 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (NZ 187 607)	Derwent
Pont Whitford	3 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il- kurrent (SY 262 953)	Axe
Stazzjon Tregony Gauging	6 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (SY 921 445)	Fal
Pont Devoran	immedjatament 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (SW 791 394)	Carnon
Forge Weir Halton	1.5 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (SD 514 648)	Lune
St Michael's Weir	immedjatament 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (SD 462 411)	Wyre
Samblesbury	1.5 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (SD 589 304)	Ribble
Teddington Weir	(TQ 171 714)	Thames
Chetwynd	(SK 187 138)	Tame
Nottingham	(SK 581 383)	Trent
Yoxall	(SK 131 177)	Trent
Fochabers	4 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrrent (NJ 341 596)	Spey
Craigiehall	3 km 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent(NT 165 752)	Almond
Renton Footbridge	immedjatament 'l fuq max-xmara mil-limitu sa' fejn jasal il-kurrent (NS 389 783)	Leven

ANNESS II

PARAMETRI LI DWARHOM L-INFORMAZZJONI GĦANDHA TIĠI SKAMBJATA

(Modi ta' espressjoni u figuri sinjifikanti għall-informazzjoni parametrika)

Parametru		Mod ta' l-espressjoni	Figuri sinjifikanti	
			Qabel il-punt deċimali	Wara l-punt deċimali
fiżiku	Rata tal-mixja (1) (fiż-żmien li ittieħdu kampjuni	m^3/s	× × × ×	××
	Temperatura	°C	× ×	×
	pH	pH	× ×	×
	Konduttività f'20 °C	µ S cm^{-1} f'20 °C	(<100) × × (>100) × × ×	
kimiku	Klorat	Cl mg/l	(<100) × × (>100) × × ×	
	Nitrat	NO_3 mg/l	× × ×	××
	Ammonja	NH_4 mg/l	× × ×	××
	Ossiġenu mdewweb	O_2 mg/l	× ×	×
	BOD_5	O_2 mg/l	× × ×	×
	COD	O_2 mg/l	× × ×	×
	Fosfru totali	P mg/l	× ×	××
	Sustanzi attivi tal-wiċċ li jirreaġixxu għall-metalina blu	Sulfat tas-sodju *lauryl* eq. Mg/l	× ×	××
	Cadmium totali	Cd mg/l	×	××××
	Merkurju	Hg mg/l	×	××××
mikro-bioloġiku	Koliformi tal-ippurgar	/100 ml	××××××	
	Koliformi totali (2)	/100 ml	××××××	
	Streptococci tal-ippurgar (2)	/100 ml	××××××	
	Salmonella (2)	/1 l	×	

(1) Id-data meta ttieħdu l-kampjuni trid tingħata.

(2) L-informazzjoni relatata ma' dan il-parametru tiġi skambjata meta tiġi mkejjla.